MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1464/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) in rapprezentanza tas-socjeta` estera *Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.P.A – SIAT*, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Russell Mercieca, u ghal kull interess li jista' jkollu Russell Mercieca**

**vs**

**Saviour Tabone**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Lulju, 2005 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm319.27) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li gara fil-5 ta' Ottubru, 2004 fi Triq ix-Xatt,**

**Sliema, Malta fil-hdax u erba’ minuti ta’ bil-lejl (23.04) bejn il-mutur tal-marka Malagutti bin-numru ta’ registrazzjoni LCI-314 misjuq mill-konvenut u proprjeta` ta’ Mizzi Leasing u l-vettura Peugeot 206 bin-numru ta’ registrazzjoni LCI-356 misjuqa minn Russell Mercieca u proprjeta` ta’ l-isetss Russell Mercieca.**
**Dan l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u specjalment ghall-fatt li l-konvenut kuntrarjament ghal dak li jistipula regolamenti 182 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq il-konvenut qala’ l-vettura misjuqa mill-attur min-naha tax-xellug minflok min-naha tal-lemin u dana meta l-istess attur ma kien ghamel l-ebda sinjal li kien sejjer jikser ghan-naha tal-lemin. Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak li jghid regolament 185 ta’ l-istess Kodici l-konvenut ghamel din il-manuvra ta’ surpass minkejja li kien jaf li ma kienx hemm spazju bizzejjed sabiex din l-istess manuvra issir minghajr periklu u dana ghaliex kien hemm vetturi pparkjati fuq in-naha tax-xellug tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-avviz lill-kumpaniji assikuratrici tal-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta’ Dicembru, 2005, fejn intqal:**
**i. Illi t-talbiet ta’ l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta’ l-attur innifsu meta b’imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, huwa qabez il-linja tan-nofs tat-triq u dahal fil-karreggata tal-konvenut minghajr kwalunkwe sinjal li kien ser ibiddel ir-rotta tieghu hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.**
**ii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Seghma x-xhieda ta' Russell Mercieca, W243 Clayton Frendo u Saviour Tabone. Ra l-affidavits ta' Claudine Buttigieg u Julian Gatt.. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazzjoni. Ra nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident tat-traffiku li gara fil-5 ta' Ottubru, 2004 fi Triq ix-Xatt, Sliema, bil-lejl bejn il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni LCI-314 misjuq mill-konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCI-356 misjuqa minn Russell Mercieca.**

**2. Jibda biex jinghad li dan l-incident sehh ftit il-boghod minn fejn hemm zebra crossing u dana hdejn is-Sliema Hotel. Ir-ritratti Dok.TSI 1, TSI 2 u TSI 4 juru bic-car kif kienet it-triq f'dawk l-inhawi meta sehh l-incident. Jirrizulta li qabel ma wiehed jasal ghaz-zebra crossing kien hemm crane li tisporgi sa nofs it-triq. Bejn il-crane u z-zebra crossing kien hemm karrozzi parkeggati kif muri fir-ritratt.**

**3. Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni, cioe` gejjin mill-Gzira sejrin fid-direzzjoni tax-Xatt ta' Tas-Sliema.**

**4. Skond ir-rapport tal-warden l-attur qal li kien niezel l-isfel normali meta f'daqqa wahda sema daqqa mal-genb tan-naha tal-passiggier u wara ra l-mutur jtir. Dak il-hin ma ttiehdetx il-versjoni tal-konvenut peress li dan ittiehed l-Isptar, pero` ittiehdet wara u dan qal li qabez il-crane, kien fil-karreggata ta' gewwa bl-attur ma' genbu meta f'daqqa l-attur kiser ghall-fuqu. Skond il-Warden W243 Clayton Frendo il-vettura tal-attur spiccat f'nofs it-triq.**

**5. L-attur xehed li kien ghaddej fil-karreggjata ta' gewwa b'xi 20/30kfs meta gie l-mutur minn warajh u qabzu minn gewwa, u laqatlu l-mera. Tal-mutur tilef il-kontroll u waqa'. Induna bil-mutur mal-impatt. Rilevanti li l-attur kien ghadda minn hdejn il-crane li tidher fir-ritratt cioe kien ghadda fil-karreggata ta' barra. Il-versjoni tal-attur hi korroborata mill-passiggiera li kienu mieghu Claudine Buttigieg u Julian Gatt.**

**6. Il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu jghid li l-attur kiser u laqtu fil-kaxxa ta' wara. Jghid li l-aktar li seta kien ghaddej kien b'xi 40kfs. Il-konvenut ma qabilx li kien hemm karrozzi ipparkjati kif indikat, pero` dawnm kienu aktar il-quddiem.**

**7. Id-danni fil-vettura tal-attur kienu fil-mera u fil-mudguard ta' quddiem kif muri fir-ritratt Dok.TSI-3 u TSI-5 sa TSI-10.**

**8. Tenut kont ta' dan jidher li l-attur kellu johrog fil-karregata ta' barra biex jaqbez il-crane. Wara li ghamel hekk, u beda jimmanuvra biex jidhol fil-karreggata ta' gewwa. F'dak il-hin jidher li gie l-mutur li kien qed jittanta jaqbez minn gewwa wara li hu wkoll ghadda il-crane, u peress illi ma jirrizultax li l-attur ghamel ebda indikazzjoni li kien ser jikser il-gewwa, u peress li tal-mutur kien ghaddej b'velocita` aktar minn dik tal-attur, sehhet il-kollizzjoni. Mid-danni riportati ma hemmx dubbju li l-incident gara meta l-mutur kien wasal biswit l-attur ad insaputa tal-istess attur.**

**9. Ghalhekk hemm diversi konsiderazzjonijiet xisiru. Fl-ewwel lok, tenut kont tal-hin, li kien bil-lejl, kif ukoll tal-crane li kien hemm fil-lokalita`, kien jispetta liz-zewg sewwieqa li juzaw l-massima prudenza. Fit-tieni lok jekk l-attur kien ser jikser il-gewwa dan messu gghamel indikazzjoni f'dan is-sens, u tali indikazzjoni trid tkun "timeous", u mhux tali li wiehed jixghel l-indicator u jaqbad u jikser. Da parti tieghu l-konvenut li kien qed isuq wara l-attur kellu obbligu ukoll li jara it-traffiku ta' quddiemu, u manuvra bhal dik li ghamel, apparti li tmur kontra r-regolamenti, definitivament ma kienetx desiderabbli fil-post imsemmi. Ghalhekk it-Tribunal qed isib liz-zewg sewwieqa responsabbli ghall-incident li sehh pero` il-konvenut ghandu grad ta' responsabilita` akbar, in kwantu dan kien qed jaqbez minn gewwa, bil-lejl fic-cirkostanzi partikolari tal-lokal. Ghalhekk it-Tribunal qed jalloka zewg terzi tal-akkadut lill-konvenut u terz lill-attur.**

**10. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont mitlub, u peress li l-konvenut hu responsabbli biss fi grad ta' zewg terzi dan ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tnax-il lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm212.84).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut resposnabbli ghall-incident li sehh fi grad ta’ zewg terzi u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tnax-il lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm212.84).**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------